MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 579/2003

**Iceberg Refrigeration Service Ltd**

**vs**

**Anton Spiteri**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti konsegwenza ta' ncident stradali li gara fid-9 ta' Lulju, 2003 fi Triq il-Belt, Zurrieq, bejn vettura numru ta' registrazzjoni TON 213 misjuqa mill-konvenut u vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBC 902 misjuqa minn Aldo Barbara fil-hin ta' l-incident u dan prevja d-dikjarzzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uccifjali pprezentata fid-19 ta' Settembru, 2003, u bl-imghax mid-data ta' l-istess sad-data tal-hlas relattiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort ta' l-eccipjenti imma b'tort tas-sewwieq tal-vettura proprjeta' tas-socjeta' attrici, u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandu jhallas l-ebda danni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li gara fid-9 ta' Lulju, 2003, go Triq Valletta, Zurrieq bejn il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni TON 213 ta' l-ghamla VolksWagon misjuqa mill-konvenut u l-karozza Kia van bin-numru tar-regisrazzjoni EBC 902 misjuq minn Aldo Barbara.

Aldo Barbara xehed illi huwa jahdem bhala *technician* mas-socjeta' attrici u dakinhar ta' l-incident kien qieghed isuq il-vettura EBC 902 fi Triq it-Torri, Zurrieq fid-direzzjoni ta' Hal Luqa.  F'daqqa wahda minn fuq ix-xellug tieghu harget karozza bin-numru tar-registrazzjoni TON 213 misjuqa mill-konvenut minghajr ma splorat it-triq.  Fl-ebda hin ma raha wieqfa, izda, raha quddiemu mall-ewwel. Jghid fost affarijiet ohra illi s-sewwieq l-iehor baqa' hiereg minn *side street* bhalli kieku t-triq kienet tieghu.  Minkejja illi Barbara ghafas il-*brake*, ra li kien qieghed jitlef il-

kontroll tal-vettura u baqa' diehel fuq il-karozza l-ohra. Dak il-hin kien qieghed isuq b'xi velocita' ta' hamsa u tletin jew erbghin (35/40) kilometru fis-siegha.

Il-konvenut, minn naha l-ohra a fol. 33 jghid, " … Irrallentajt il-vettura halli nkun nista nara sew. Izda f'daqqa wahda nhoss daqqa fuq il-karozza u sar l-incident … Jiena lhaqt hrigt fit-triq principali t-tul tal-bonnet. Ma kontx ghadni wasalt sal-posizzjoni tad-driver …"

Din l-ahhar verzjoni tikkuntrasta mhux ftit b'dak illi qal l-istess konvenut 'a tempo vergine' lis-Surgent Martin Bugeja, fejn il-konvenut jghid (fol. 31) li lehaq qabghad it-triq id-dritta go Triq Valletta meta gara l-incident. Mentri Barabara qallu kien qed isuq go Triq Valletta meta f'daqqa wahda hareg il-VoksWagon minn fuq ix-xellug, sabha quddiemu u ma setax jevita l-incident. Kawza ta' dan il-vetturi garrbu hsarat konsiderevoli u spiccaw in-naha l-ohra tat-triq.

Ghalhekk, il-Qorti tinnota illi filwaqt li Barbara kien kostanti fil-verzjoni tieghu, kemm dik li ta lis-Surgent dak il-hin ta' l-incident, kif ukoll quddiem il-Qorti, mhux l-istess il-konvenut, li quddiem is-Surgent qal mod u quddiem il-Qorti mod iehor. Dan mhux sejjer jagevola lill-konvenut fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' dan l-inciudent.

Ikkunsidrat:

Hija l-femha ta' din il-Qorti illi l-konvenut bhala utent ta' triq laterali, kellu obbligi ferm aktar oneruzi minn Barbara li kien fuq triq principali. Kif ghallmet il-kawza Il-Pulizija vs Pawlu Borg kif riportata fil-Volum XXXVI part I pagna 797, "Ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent, sija jekk ikun fuq it-triq dritta, kemm ikun sejjer jidhol fiha, huwa inutwittiv, u hu principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-qrati Nglizi illi driver li jkun ser jidhol fi triq dritta minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni illi hu jkun sejjer jaqsam l-isteam of traffic li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri driver fuq it-triq id-dritta, ladarba jkun sejjer ikompli ghad-dritt ma jkun ser ifixkel lil hadd."

L-istess fil-kawza H. Farrugia vs R. Ripard deciza mill-Appell fil-15 ta' Frar, 1974, "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza, dana jrid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anki sakemm jaqsam ghal kollox."

F'din il-kawza l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut naqas bil-bosta meta ma hax il-prekwazzjonijiet mehtiega biex johrog minn *side road* ghal fuq *main road*. Mhuwiex minnu illi huwa rralenta l-vettura meta wasal fil-kantuniera biex jipprova jesplora t-triq.

Il-Qorti wisq tahseb illi dan l-incident gara meta l-konvenut qabad u hareg ghal fuq triq principali minghajr ma ha l-prekawzonijiet mehtiega. Ir-raguni illi ta lis-Surgent dak il-hin ta' l-incidnet tidher bic-car illi huwa qabad u hareg u gab l-iskuza illi gia kien fuq it-triq id-dritta meta sar l-incident. Izda, kif ghallmet il-kawza fuq imsemmija Farrugia vs Ripard dana mhuwiex bizejjed.

Minn naha l-ohra l-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fl-operat ta' Aldo Barbara. Kien qieghed isuq ghad-dritt, ma kellu l-ebda diffikultajiet partikolari u zgur illi ma jistax jinghad illi kien xi *main road abuser*. L-incident gara minhabb l-manuvra perikoluza li ghamel il-konvenut meta hareg minn triq sekondarja minghajr ma esplora sew it-triq principali.

Ghal dak illi jirrigwarda d-danni, l-Qorti ghandha x-xhieda ta' Joseph Farrugia (fol. 27) fejn qal li l-van koncernat EBC 902 kien proprjeta' tas-socjeta' attrici. Wara l-incident il-vettura ttiehdet ghand *panel beater* illi giet spezzjonata minn *surveyor* u giet dikjarata *beyond economical repair*. Isemmi kawza civili ma' l-assikurazzjoni, izda din il-Qorti ma nghatat l-ebda nformazzjoni dwarha. Jghid illi l-vettura kienet assikurata fuq il-valur ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), pero' ma jistax jghid kemm kien il-*pre accident value* taghha.

Ghalhekk il-Qorti sejra tistma 'arbitrio bona viri' l-*pre accident value* tal-vettura fl-ammont ta' elf u hames mitt

lira Maltin (Lm1,500).  Dana minghajr pregudizzju tal-kawza civili msemmija minn Joseph Farrugia.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali illi gara id-9 ta' Lulju, 2003 fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TON 213 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBC 902 misjuqa minn Aldo Barbara u dan minhabba traskuragni, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u kosegwentement tikkondanna lill-konvenut illi jhallas dan l-ammont fuq imsemmi lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-imgaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------